MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 420/2014

**Favell Wines & Spirits Limited – C37343**

**vs**

**Suda Entertainment Limited – C43427**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' attrici qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf tminn mija u tnejn u sebghin Ewro u disa' centezmi (€1,872.09c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra illi fis-seduta tallum deher Dr Steven Farrugia Sacco li ghan-nom tas-socjeta' konvenut ammetta t-talba attrici kif dedotta u kkonferma li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tminn mija u tnejn u sebghin Ewro u disa' centezmi (€1,872.09c).

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici elf tminn mija u tnejn u sebghin Ewro u disa' centezmi (€1,872.09c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta, b'dana illi l-hlas ghandu jsir permezz ta' hamsin

euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament ghandu jsir fl-20 ta’ Mejju 2015, b'dana li jekk jonqos pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------